MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 20/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Juanita Fenech**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmija Juanita Fenech, detentriċi tal-karta ta' l-identita` bin-numru 148761(M) talli nhar-it 2 ta' Ottubru, 2010 għall-ħabta tat-8.30 a.m. waqt li kienet ġewwa l-għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara ddenunzjat lill-Pulizija Eżekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq ħolqot traċċi ta' reat b'mod li setgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dan ir-reat kien sar;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Jannar 2012 li

permezz tagħha dik il-Qorti fil-waqt li ma sabitx lill-imsemmija Juanita Fenech ħatja tar-reat ta’ simulazzjoni indiretta kontemplata fit-tieni parti ta’ l-artikolu 110(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u lliberatha minnu, wara li rat l-ewwel parti ta’ l-artikolu 110(2) ta’ l-istess Kap, 9 sabet lill-istess Juanita Fenech ħatja tar-reat ta’ simulazzjoni diretta ta’ reat u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta lliberatha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax-il xahar. Il-Qorti spjegat lill-imsemmija Juanita Fenech fi kliem ordinarju l-import tas-sentenza u x’jiġri jekk tikkommetti reat ieħor fiż-żmien prefiss;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Juanita Fenech ppreżentat fid-19 ta’ Jannar 2013 fejn talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma sabithiex ħatja tar-reat ta’ simulazzjoni indiretta kontemplata fit-tieni parti ta’ l-imsemmi artikolu 110(2) u lliberatha minnu u tirrevokaha in kwantu sabitha ħatja tar-reat ta’ simulazzjoni diretta ta’ reat u in kwantu, bl-appliazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta lliberatha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax-il xahar, u minflok tilliberaha minn kull ħtija u piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti:

“(i) Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti mill-fatt illi l-ewwel Onorabbli Qorti ikkonkludiet illi d-depozizzjoni ta’ iben l-appellanti, Jean Louis Fenech, ma kinitx attendibbli. Fil-fatt il-Qorti nnotat illi ‘..*meta t-tifel ġie mistoqsi xi ħaġa li ma kinitx parti minn* <u>*dak li huwa ġie preparat*</u> *biex jgħid tfixkel u ma kienx kapaċi jirrispondi l-aktar mistoqsijiet sempliċi u ovvji…’.* L-appellanti hija aggravata ħafna b’din il-konklużjoni u tiċħad kategorikament illi hija qatt tista’ tasal li ġġiegħel lil binha jixhed falz bl-implikazzjonijijiet legali u morali serjissimi ta’ dan il-fatt. L-appellanti tirrileva umilment illi x-xiehda tat-tifel – illi allura kellu sittax-il sena

meta xehed – kienet dik ta’ persuna illi kellu jiġi mfakkar x’kienu l-ġrajjiet saljenti li huwa kien qiegħed jiġi prodott biex jikkorrobora. Fil-fatt dawn emerġew finalment mix-xiehda tiegħu (mogħtija peremzz ta’ *video conferencing*) biss wara li sarulu domandi mill-Qorti maħsuba biex jaġitaw il-memorja tiegħu. Wieħed allura jista jikkritka x-xhud bhala ftit inkoerenti – oġġett mhux inawdit għal tifel ta’ dik l-eta` – pero` x-xhieda tiegħu qatt ma kellha tiġi deskritta bħala wahda preparata għaliex kienet nieqsa mill-karatteristiċi kollha ġeneralment assoċjati ma’ deposizzjoni preparata, cioe`, ir-ripetizzjoni mekkanika tal-fatti saljenti tal-każ. Fil-fatt it-tifel sab diffikulta` kbira illi jiftakar il-ħin illi fihom seħħew l-inċidenti li dwarhom xehed. Ġeneralment il-preparazzjoni tkun tinvolvi almenu illi xhud jiġi ‘mgħallem’ il-ħin li għandu jsemmi fil-proċess ta’ rigurġitazzjoni tiegħu. Bl-eliminazzjoni tad-deposizzjoni tat-tifel, il-verżjoni tal-appellanti spiċċat mingħajr korroborazzjoni.

“(ii) Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-piż illi ngħatat mill-Qorti lix-xhieda tal-prosekuzzjoni kontrastat ma’ dawk tad-difiża. L-ewwel Onorabbli Qorti qieset illi l-prosekuzzjoni kellha twassal għal sejba ta’ ħtija tal-appellanti. Dawn il-provi kienu jikkonsistu maġġorment fix-xiehda tal-imsemmija Sciberras u l-Avukat Dr. Emy Bezzina illi qablu fil-verżjonjiet rispettivi tagħhom illi filgħaxija tal-1 ta’ Ottubru 2010, Sciberras kienet fl-uffiċju tal-Avukat Bezzina għal appuntament. Evalutati b’aktar reqqa, din il-konsistenza titmermer notevolment. Fix-xiehda tiegħu l-Avukat Bezzina ikkonferma illi kien fi grad illi jixhed dwar il-ħinjiiet tal-appuntament ta’ Sciberras miegħu ghax ‘iċċekjajt għax kieku ma kontx nista’ niftakar’. ‘Iċċekjajt mad-djarju tiegħi..’. Id-djarju tal-Avukat jew kopja awtentikata tal-entrata fid-djarju illi jirrigwarda dan l-appuntament ma ġietx esebita. Din l-assenza hija detrimentali ħafna jekk mhux fatali għax-xiehda ta’ Dr. Bezzina billi Dr. Bezzina stqarr illi huwa ma kienx ikun fi grad li jixhed dwar ħinijiet u kien biss wara konsultazzjoni mad-djarju tiegħu illi huwa seta’ jixhed dak li xehed. Illi għalhekk l-appellanti tqis illi l-Ewwel Onorabbli Qorti messha skartat għal kollox ix-xiehda tal-imsemmi Dr. Bezzina sakemm id-djarju, jew l-estratt tiegħu, jigu esebiti. Ma ġarax hekk.

"(iii) Illi inoltre wieħed kien jimmaġina illi l-ħinijiet ta' dan l-appuntament kellhom jemerġu b'ċertezza billi dawn il-ħinijiet kellhom jirriżultaw mill-kitba fid-djarju partikolarment in vista tax-xiehda ta' Dr. Bezzina li afferma illi 'jiena naħdem *by strict appointments*. *Waiting room* qatt.' li loġikament jitqies li jfisser illi l-appuntamenti jibdew puntwalment. Madanakollu u skond ix-xhieda tal-prosekuzzjoni, il-ħinijiet tal-appuntament varjaw mhux hażin. P.S. 839 Stephen Micallef jgħid illi fit-2 ta' Ottubru 2010 ġie informat minn Dr. Bezzina u Karen Sciberras illi l-appuntament tagħhom kien bejn 5,40 u 8.30 ta' filgħaxija. Karen Sciberrras, tgħid illi l-appuntament kien mill-5.00 sat-8.00 ta' filgħaxija imbagħad tgħid illi kien mill-5.30 sat-08.00 ta' filgħaxija. Dr. Bezzina – illi allura kellu vantaġġ illi jikkonsulta d-djarju tiegħu ad esklużjoni ta' kulħadd, inkluż tal-Qorti – jgħid a fol. 25 illi l-appuntament kien 5.15 jew 5.55 jew 4.55 sat-8.15 ta' filgħaxija imbagħad jgħid illi kien mill-4.55, il-5.15 sa xi t-8.00, it-8.15 ta' filgħaxija. Dan kollu wara illi kien ikkonsulta d-djarju tiegħu. Wieħed immedjatament jistaqsi għaliex din l-inċertezza kollha dwar ħin illi, skond l-istess xhud, irriżulta bħala miktub fid-djarju tiegħu. Wieħed jista' jifhem illi appuntament jista' jibda tard. Mhuwiex pero` spjegabbli għalfjen għandu jkun hemm dubju meta suppost kien jibda billi dan ovvjament huwa fatt illi jirriżulta mis-sempliċi eżami tad-djarju innifsu. Dawn id-diskrepanzi ġew sottolinejati mill-appellanti fil-kors tat-trattazzjoni orali tal-kawża iżda ma jissemmewx mill-Qorti fis-sentenza finali.

"(iv) Illi inoltre l-Avukat Bezzina jgħid illi l-appuntament li dwaru kien qiegħed jixhed kien wieħed 'wiċċ imb'wiċċ' u mhux fil-'*waiting room'*. L-appellanti resqet lil diversi ditti li jipprovdu servizz ta' telekomunikazzjoni għaliex – proprju għaliex l-appellanti taf illi fil-ħinijiet li semmiet Sciberras ma kinitx għand l-avukat tagħha iżda kienet qiegħda tiċċirkola fit-triq fil-viċinanzi tal-appellanti – basret li seta' kien il-każ illi appuntu għaliex ma kinitx f'appuntament mal-avukat tagħha, setgħet ċemplet lill-avukat tagħha appuntu fil-ħinijiet meta tgħid li kienet ħdejh – ħaġa altrimenti loġikament eskluża. Irriżulta minn dawn il-provi illi fil-5.42 ta' filgħaxija Sciberras għamlet telefonata lill-

Avukat Bezzina. Dak il-ħin, skond kważi l-ħinijiet kollha indikati mix-xhieda tal-prosekuzzjoni illi suppost Sciberras kienet 'wiċċ imb'wiċċ' mal-Avukat Bezzina, kienet qiegħda ċċempillu. L-appellanti tikkonċedi illi l-ħin ta' 5.42 ta' filgħaxija huwa kważi marġinali għall-ħinijiet meta hi rat lil Sciberras, madanakollu huwa sinjifikattiv illi din it-telefonata ma tikkonforta xejn, anzi tikkontrasta djametrikament ix-xhieda tal-prosekuzzjoni.

"(v) Finalment l-appellanti tissottometti illi r-rapport tagħha kien wieħed u sempliċi, ċioe` illi hija kienet ittendiet illi Karen Svierras kienet qiegħda ssegwiha bil-karozza tagħha. Ma ddenunzjat ebda reat illi kienet taf illi ma sarx. Il-Qorti sabet illi fl-isfond tal-anteċedenti bejn Karen Sciberras u l-appellanti, ir-rapport magħmul mill-appellanti kien wieħed ta' fastidju. Jiġi rilevat pero` illi kienet biss il-Qorti illi elevat ir-rapport magħmul mill-appellanti għal wieħed ta' fastidju. L-appellanti kienet stqarret biss lill-Pulizija l-fatt li kien seħħ quddiemha, cioe`, illi rat lill-imsemmija Sciberras tiċċirkola fit-triq fil-viċinanzi tagħha u f'ċirkostanzi tali illi l-appellanti bassret li kienet qiegħda ssegwiha. Seta' ġara pero` illi Sciberras kienet verament qiegħda tiċċirkola fl-ambjent fejn ratha l-appellanti iżda għall-ebda skop ħażin u biss biex taqdi xi bżonnijiet tagħha. Hekk spjegat ir-reat ta' fastidju illi kif ingħad qatt ma ssemma mill-appellanti kien jisparixxi mmedjatament. L-elementi essenzjali tar-reat ta' fastidju ma kinux jissussistu u magħhom l-elementi tar-reat illi bih ġiet akkużata l-appellanti."

**6.** Issa, mill-provi jirriżulta li fit-2 ta' Ottubru 2010 l-appellanti rrapportat lill-Pulizija fl-għassa ta' Birkirkara illi fl-1 ta' Ottubru 2010 bejn is-6.30 p.m. u t-8.30 p.m. ċerta Karen Sciberras kienet qiegħda ssegwiha bil-karozza. Skond Karen Sciberras u l-Avukat Dottor Emy Bezzina f'dawk il-ħinijiet Karen Sciberras kellha appuntament għand l-Avukat Bezzina. Għalhekk il-Pulizija ddeċidiet li tipproċedi kontra l-appellanti għal "rapport falz".

**7.** L-appellanti ġiet akkużata bi ksur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 110 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

**"Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq johloq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sena."**

**8.** Fir-rigward ta' dan ir-reat, il-Professur Sir Anthony Mamo jgħid[1]:

"This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged…. Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender: otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation…. The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed and not in the intent to harm, directly by the simulation, any other person"

**9.** Mingħajr ma tidħol fil-mertu ta' jekk ir-rapport li għamlet l-appellanti kienx minnu jew le, u mingħajr ma tikkunsidra jekk dak li rrapportat kienx jikkostitwixxi reat jew le, huwa evidenti illi, ġaladarba l-appellanti speċifikat persuna li allegatament kienet qed issegwiha, ma setgħetx tiġi akkużata bi ksur ta' l-imsemmi artikolu 110(2). Kwindi ma setgħetx tinsab ħatja lanqas ta' dak kontemplat fl-ewwel parti ta' l-artikolu 110(2).

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, u għalhekk tikkonfermaha in kwantu ma sabithiex ħatja tar-reat ta' simulazzjoni indiretta kontemplata fit-tieni parti ta' l-imsemmi artikolu 110(2) u lliberatha minnu, tirrevokaha in kwantu sabitha ħatja tar-reat ta' simulazzjoni diretta ta' reat u in kwantu, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta lliberatha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi

---
[1] *Op. cit.* p. 59 – 60.

żmien tmintax-il xahar, u minflok tiddikjaraha mhux ħatja wkoll mis-sejbien ta' ħtija ta' simulazzjoni diretta ta' reat u tilliberaha minn kull ħtija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------